

Brussell, 14 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14168/25

Fajls Interistituzzjonali:

2025/0199 (NLE)

2025/0214 (NLE)

2025/0215 (NLE)

2025/0219 (NLE)

2025/0224 (NLE)

FISC 274
ECOFIN 1364
AND 13
CH 50
FL 56
MC 13
SM 13

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorji għall-Ftehim bejn I-UE u I-lżvizzera, il-Liechtenstein, Andorra, Monaco u San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali

- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn I-UE u I-lżvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji
- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn I-UE u I-Liechtenstein dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji
- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn I-UE u Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji
- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn I-UE u Monaco dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn I-UE u San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji

= Adozzjoni

1. Fl-10 ta' Lulju u s-17 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti għal Deċiżjonijiet dwar l-iffirmar¹ u l-konklużjoni² tal-Protokoll Emendatorji għall-Ftehimiet bejn l-UE u, rispettivament, l-Iżvizzera, il-Liechtenstein, Andorra, Monaco u San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex titjeb il-konformità fiskali internazzjonali. Fil-każ tal-Iżvizzera, il-proposta dwar l-iffirmar tkopri wkoll l-applikazzjoni proviżorja.
2. L-għan tal-Ftehimiet eżistenti huwa li tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali f'konformità mal-Istandard Komuni ta' Rappurtar (CRS) żviluppat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Fis-26 ta' Awwissu 2022, l-OECD approvat bidliet fis-CRS li ser japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026. L-għan ewlieni tal-proposti għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq huwa li jiġi żgurat li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri tal-UE u l-ħames pajjiżi rispettivi jkun allinjat mas-CRS aġġornat u jkompli jsir mill-1 ta' Jannar 2026.
3. Fil-21 ta' Awwissu 2025, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ħareġ l-opinjoni tiegħu dwar il-proposti għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill³.
4. Fit-3 ta' Settembru 2025, fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Diretta) id-delegazzjonijiet qablu dwar it-testi ta' kompromess tal-Presidenza dwar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, kif ukoll dwar il-Protokoll Emendatorji, soġġett għar-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti tat-testi. Fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera, id-delegazzjonijiet qablu wkoll li din id-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tal-Kunsill (14168/25 ADD 1) li għandha tiżdied mal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill li tadotta d-Deċiżjoni. Barra minn hekk, id-delegazzjonijiet ħadu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni (14168/25 ADD 2) għal dawn il-minuti. Dawn id-dikjarazzjonijiet ser jiffurmaw parti integrali mill-kuntest li fih il-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera.

¹ Id-dokumenti 11510/25 + ADD 1 (Żvizzera), 11751/25 + ADD 1 (Liechtenstein), 11750/25 + ADD 1 (Andorra), 11760/25 + ADD 1 (Monaco), 11763/25 + ADD 1 (San Marino).

² Id-dokumenti 11511/25 (Żvizzera), 11756/25 (Liechtenstein), 11746/25 (Andorra), 11759/25 (Monaco), 11761/25 (San Marino).

³ Id-dokumenti 12199/25 (Żvizzera), 12195/25 (Liechtenstein), 12196/25 (Andorra), 12197/25 (Monaco), 12198/25 (San Marino).

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) ġie infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali fit-23 ta' Settembru 2025.
6. Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll Emendatorji għall-Ftehimiet bejn l-UE u, rispettivament, l-Iżvizzera, il-Liechtenstein, Andorra, Monaco u San Marino ġew adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fl-10 ta' Ottubru 2025⁴. Sussegwentement, il-Protokoll Emendatorji għall-Ftehimiet bejn l-UE u, rispettivament, il-Liechtenstein, Andorra, Monaco u San Marino⁵ ġew iffirmati mill-Kummissjoni u minn dawn il-pajjiżi fit-13 ta' Ottubru 2025 u l-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera⁶ ġie ffirmit mill-Kummissjoni u mill-Iżvizzera fl-20 ta' Ottubru 2025.
7. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar l-opinjoni tiegħu fuq id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorji fis-sessjoni plenarja tiegħu fit-13 ta' Novembru 2025.⁷
8. F'dan l-isfond, il-Coreper huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:

a) jadotta

- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11651/25;
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11788/25;

⁴ Id-dokumenti 11648/25 (Żvizzera), 11785/25 (Liechtenstein), 11782/25 (Andorra), 11793/25 (Monaco), 11799/25 (San Marino).

⁵ Id-dokumenti 11786/25 (Liechtenstein), 11783/25 (Andorra), 11796/25 (Monaco), 11800/25 (San Marino).

⁶ Id-dokument 11650/25.

⁷ Id-dokumenti 14207/25 (Żvizzera), 14208/25 (Liechtenstein), 14209/25 (Andorra), 14210/25 (Monaco), 14211/25 (San Marino).

- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11781/25;
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali f'konformità mal-Istandard għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji fi Kwistjonijiet Fiskali żviluppat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11791/25;
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 11797/25;

b) fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera:

- japprova d-dikjarazzjoni mill-Kunsill li tinsab fid-dokument 14168/25 ADD 1, idaħħalha fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill li tadotta din id-Deċiżjoni u jagħmel id-dikjarazzjoni disponibbli għall-pubbliku;
- idaħħal id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab fid-dokument 14168/25 ADD 2 fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill li tadotta din id-Deċiżjoni u jaqbel li jagħmel id-dikjarazzjoni disponibbli għall-pubbliku.